MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2012

Numru. 534/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN FERRIS**
**VS**
**IGNACIO CALLETTANO SACOZA**
**BERTRAND TCHINDA KEGNI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ignacio Callettano Sacoza ta’ 36 sena, ta’ nazzjonalita’ Honduras, missier u omm mhux maghrufa, mwieled Honduras fil- 31 ta’ Jannar 1976, bla residenza fissa Malta u detentur tal- passaport mahrug mir- Repubblika tal-Honduras bin- numru C 329730 fil- 24 ta’ Dicemrbu 2010;

U

Bertrand Tchidna Kegni ta’ 35 sena, bin Joseph u Elise nee’ Mefo, mwieled Cameroon fil- 15 ta’ Jannar 1977 bla residenza fissa Malta u detentur tal- Karta tar- residenza Franciza bin- numru F933261015 mahrug fit- 12 ta’ Novembru 2006;

Talli;

1) fis- 16 ta’ Mejju 2012 u fil- granet ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer assocjaw ruhhom ma’ xi persuni ohra f’ Malta jew barra minn Malta bil- ghan li jaghmlu delitt (frodi ai terminu tal- Artikoli 308 u 309) li ghali hemm il- piena ta’ prigunerija u li ma hux delitt taht l- Att dwar l- istampa;

2) Lil Ignacio Calletano Sacoza wahdu talli rrifjuta li jaghti ismu, kunjou, fejn joqghod u partikularitajiet ohra lill-Pulizija waqt il- qadi ta’ dmirijiethom;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju tan-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali f’din il-kawza, wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghhom;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 48A u 338 (g) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkudnannhom sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’

(4) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna r-rilaxx tas-somma ta’ erba’ mitt ewro (€400) ezebiti, stante li dawn ma kienux parti mill-mertu tal-kawza;
Tordna inoltre l-konfiska tal- oggetti ezebiti.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------